MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2005

Appell Kriminali Numru. 202/2005

**Il-Pulizija**

**v.**

**Carmel Bugeja**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Carmel Bugeja talli ghax-xhur ta' Jannar 2005, Frar 2005 u Marzu 2005, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li kienu maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, meta hekk ordnat mill-Qorti ta' Malta jew marbut b'kuntratt iehor, naqas li jaghti l-manteniment jew parti mill-istess manteniment, dovut lil martu Anna Bugeja, ghaliha u/jew ghat-tfal minuri taghhom;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-14 ta' Gunju 2005 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Carmel Bugeja hati ta' l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu, illiberatu bil-kondizzjoni li ma jikkommettix reat iehor ghal perijodu ta' sitt xhur mid-data tas-sentenza ai termini ta' l-artikolu 22 tal-Kap. 446 u ordnat il-hlas ta' mitejn u tmenin liri Maltin (Lm280) fi zmien tliet xhur mid-data ta' dik is-sentenza;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Carmel Bugeja pprezentat fil-21 ta' Gunju 2005, li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata u tiddikjarah mhux hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu, u b'hekk tiddikjarah hieles minn kull imputazzjoni w piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Din is-sentenza tirrigwarda l-ewwel aggravju ta' l-appellant li jghid testwalment hekk:

"1. Preliminarjament, l-Ewwel Onorabbli Qorti ma setghet qatt '(tapplika) l-Artikolu 22 tal-Kap. 446 ghal xahar u tordna hlas ta' Lm280 fi zmien 3 xhur ai termini tal-Art. 18 tal-Kap. 9' meta l-esponent ma nstabx hati. Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti ma setghet qatt tinfliggi piena lill-esponent ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontrih meta l-esponent ma giex misjub hati. Fil-fatt minn ezami tas-sentenza appellata minn imkien ma jirrizulta li l-Ewwel Qorti sabet lill-esponent hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontrih."

Dak li qieghed jattakka l-appellant mhijiex is-sentenza dattilografata a fol. 18 u 19 tal-process izda dak li jirrizulta proprju fuq l-ewwel pagna tal-process, cioe` fuq ic-citazzjoni fejn il-Magistrat sedenti fl-ewwel Qorti kiteb testwalment hekk:

"s. 22 Kap 446 xahar

Tordna hlas ta' Lm280 fi zmien (3) xhur ai termini tal-Art. 377(3) Kap 9."

Taht imbaghad hemm il-firma ta' l-istess Magistrat sedenti u d-data tal-14 ta' Gunju 2005.

L-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali jiddisponi hekk:

**"Il-qorti, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodici jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat".**

Fil-fehma ta' din il-Qorti, l-appellant ma jistax jissepara dak li hemm a fol. 1 minn dak li hemm a fol. 18 u 19. Is-sentenza a fol. 18 u 19, iffirmata mill-Magistrat sedenti fl-ewwel Qorti, tirrapprezenta dak li sehh u gie deciz fis-seduta tal-14 ta' Gunju 2005. Wara kollox, anke minn ezami ta' fol. 1 jirrizulta li hemm il-fatti li taghhom l-appellant gie misjub hati - l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu - hemm ukoll l-artikolu tal-ligi li jikkontempla r-reat hemm imsemmi - art. 338(z) tal-Kap. 9 - u hemm ukoll il-"piena" li l-ewwel Qorti dehrilha li kellha taghti - kif miktuba mill-Magistrat sedenti. Is-sentenza traskritta a fol. 18 u 19 tikkonferma dan, cioe` li s-sentenza moghtija kontra l-appellant fl-14 ta' Gunju 2005 ma tippekkax kontra l-imsemmi artikolu 382 tal-Kodici Kriminali.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-ewwel aggravju ta' l-appellant u tordna l-prosegwiment tal-kawza fil-mertu.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------